taqla' fuq wiċċha biex tgħix hi u wliedha. Iżda minkejja t-tbatija u l-għaks ix-xiħa kellha qalbha tħabbat bl-imħabba għal binha marid u l-armla fl-aħħar nifs ta' ħajjitha baqgħet issemmi lil uliedha li kienet taf li ma kien baqgħalhom lil ħadd tal-familja rispettabbli biex jieħu ħsiebhom.

Il-maqlub tal-karattru mimli għadab, saħta, ġuħ, kruha, fiżika u morali tax-xiħa ta' Wied Għafrid insibu l-karattri ta' paċi, ġmiel u mħabba tax-xbejbiet Pawlina, il-Ħalwenija, Ester u Bice.

Pawlina, raħlija ta' tmintax-il sena kienet ħelwa "ħaddejn il-qronfla" imdorrija fl-għelieqi mimlija b'saħħa u ġmiel li serqet qalb Alessandru, iben nobbli. Ma' l-imħabba kellha d-don tal-mistħija u l-umiltà li aktar kattrulha ġmielha. Dan id-don joħroġ meta Alessandru bagħat joħtobha. Pawlina b'onesta u sodizza laqgħet lil Royas li kien ilu jfittxilha l-passi tagħha. "Sabiħa fil-qilla tagħha Pawlina donnha saret mara oħra donnha saret waħda minn dawk in-nisa li l-istorja żammet bħala nisa ta' qalb u ta' ħila." Pawlina bil-kuraġġ u l-qlubija li wriet fit-taqbida mal-Franċiżi ħeġġet mhux biss nisa oħra iżda wkoll l-irġiel "l-ispirtu tal-mara Maltija daħal fil-ġisem ta' Pawlina u l-irġiel ħassu ħierġa minnha qawwa kbira, il-mewt ma' ġenb tfajla bħal din dehret sabiħa".

Ermelinda tfajla Spanjola wkoll turi kuraġġ ta' tfajla f'ċirkostanzi differenti. Ermelinda qatlet mhux għall-imħabba ta' art twelidha imma biex tivvendika ruħha minn dak li daħak b'imħabbitha. Hi sa tasal biex wara li toqtlu ttemm ħajjitha.

Il-Ħalwenija, tfajla Għarbija, l-ilsira tal-Barunissa għalkemm ta' lewn samrani wiċċha kien jiġbdek bil-ħlewwa tiegħu. Hi kienet titkexkex minn sidtha iżda wriet ħniena kbira għall-armla fqira u wliedha. Id-dehra tad-Duluri kienet tant impressjonatha li baqgħet sa ma saret soru bl-isem ta' Dolores u għexet ħajja ta' sliem u mħabba.

Ester, Lhudija żagħżugħa u sabiħa b'għajnejha kbar u binja għolja minħabba r-regħba u l-ħżunija ta' missierha kienet titgħabba bil-ħtija u ġġarrab umiljazzjoni, swat u tħaġġir iżda ebda kelma ta' għied ma kienet tlissen kontra missierha. Minflok, b'sinċerità u mħabba tistqarr "Missieri qatt ma jsawwatni. Huwa jħobbni". Għieħ missierha qatt ma kasbritu. Din it-tfajla ġwejda sabet bħal Ħalwenija, il-faraġ fil-kwadru tad-Duluri. Infatti baqgħet sa ma saret nisranija.

Il-karattru ta' Bice ma' tul ir-rumanz nistgħu naqsmuh fi tnejn. Qabel l-inkwiet ta' ħuha kienet qisha pupa ħsiebha fil-pjanuforti, il-bies u xalar u wara l-mewt t'ommha tbiddlet f'oħt li tifhem, tagħder u tħobb. Iżda fiż-żewġ stadji hi ma "fittxitx tfixklu, tgħajjat mie-



għu, iċċanfru jew inkella tnassu mal-mamà".

Il-kuntrasti ma nsibuhomx biss bejn il-karattri prinċipali iżda wkoll bejn il-karattri sekondarji, bejn Zaldu u Indrì, żewġ qaddejja differenti għal kollox. Zaldu kien dejjem ifittex il-ħbiberija ta' min jaħkem. Hu kien bniedem bla qalb u ma jimpurtah minn xejn basta l-iskop tiegħu jirnexxi. Zaldu kien imqabbad minn Royas biex ixerred xnigħat qarrieqa kontra Pawlina biex joħloq inkwiet u dwejjaq bejn Pawlina u Alessandru.

Indrì minn naħa l-oħra jagħti ħajja lir-rumanz bit-tjubija tiegħu fil-qadi għal ħbiebu Alessandru, Des Flores u Ġanni. Hu kien qabeż għal ġieħ Pawlina li kien iħobbha daqs li kieku bintu. Għalkemm fqir u bla skola Indrì qalbieni Malti jagħti l-għajnuna minn qiegħ qalbu u juri snienu meta xi ħadd jipprova jkasbarlu ġieħu. Dan il-karattru twajjeb jirrappreżenta l-biċċa l-kbira tal-poplu Malti f'dawk iż-żmenijiet.

Kuntrast ħlejju joħorġu tajjeb Aquilina fl-element tat-tfal. Ix-Xitan li ismu stess jixhed l-imġieba mqarba ta' tifel imħolli jiġġerra mċaħħad mit-trobbija u l-għożża nisranija tal-familja waqt li Spiru, ħu Pawlina, kien taħt il-ħarsien ta' oħtu u l-ġenituri iżda mgħallem it-tagħlim tar-reliġjon bl-amment. "Le, dan iż-żunżan tiegħi għax jiena qbadtu minn fuq il-ġibjun u mhux il-Bambin."

It-tpinġija tal-karattri mill-pinna tal-kittieb hija ferm importanti għal kull xogħol letterarju. Il-karattri jiffurmaw il-qafas li fuqu tinbena l-istorja u jekk il-kuntrast tal-karattri jgħalli l-livell letterarju tar-rumanz jaqa'. Fuq dan il-punt naħseb li Aquilina f'"TAĦT TLIET SALTNIET" irnexxielu joħroġ it-tajjeb u l-ħażin li jinsab fil-maġġoranza tan-nies tad-dinja.

## TISWIJA

Jisgħobbina il fil-poeżija "F'Jum Dun Karm 75" ta' Ġużi Cardona qabżu dawn l-iżbalji. Aqra:

vers 3

Tgħid tifraħ b'dal-progress ta' vilel għonja

vers 7

ta' qima lill-Mulej u l-amar tiegħu

vers 19

is-saħħa għall-ħaddiem int xtaqtha dejjem.